



Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2019/2088(DEC)

13.1.2020

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implementazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) għas-sena finanzjarja 2018
(2019/2088(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Roberta Metsola

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivil, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jissottolinja r-rwol importanti tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi ("Europol" jew "l-Aġenzija") li tappoġġja lill-Istati Membri b'investigazzjonijiet kriminali; jenfasizza wkoll l-estensjoni tal-kompliti tal-Europol u r-rwol dejjem jikber tagħha fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata u t-terroriżmu fl-Ēwropa kollha;
2. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti") ddikjarat li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Europol għas-sena finanzjarja 2018 kienu legali u regolari fl-aspetti materjali kollha u li l-pożizzjoni finanzjarja tagħha sal-31 ta' Diċembru 2018 hija rappreżentata b'mod ġust; jenfasizza l-fatt li l-baġit tal-Aġenzija żdied minn EUR 118-il miljun għal EUR 137 miljun (li jirrappreżenta żieda ta' 16 %), u l-personal tagħha żdied minn 804 għal 826 (li jirrappreżenta żieda ta' 2,7 %);
3. Jinnota li l-proporzjon attwali ta' nisa fil-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol huwa ta' 11 minn 55 membru (20 %); jitlob lill-Aġenzija tieħu miżuri sabiex tiżgura bilanċ aħjar bejn is-sessi fil-maniġment superjuri tagħha;
4. Jinnota li n-numru ta' operazzjonijiet li l-Europol appoġġjat żdied minn 1 496 fl-2017 għal 1 748 fl-2018 (li jirrappreżenta żieda ta' 16,8 %) u li l-laqgħat operattivi ffinanzjati mill-Europol żdiedu minn 403 fl-2017 għal 427 fl-2018 (li jirrappreżentaw żieda ta' 5,9 %); jenfasizza l-importanza u l-valur miżjud tal-Europol, b'mod partikolari tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta (SIK), fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata fl-Ēwropa kollha; jieħu nota, f'dak ir-rigward, li l-SIK appoġġjati mill-Europol żdiedu minn 64 fl-2017 għal 93 fl-2018 (li jirrappreżentaw żieda ta' 45 %), b'27 minn dawn l-SIK li jeħtieġu koordinazzjoni f'aktar minn 20 pajjiż¹; jinnota li ż-żieda fil-baġit tal-Europol tikkorrispondi għal intensifikazzjoni tal-operazzjonijiet kollha tagħha, inkluż l-appoġġ għall-kooperazzjoni fil-qasam taċ-ċiberkriminalità u l-ġlieda kontra t-terroriżmu online; jissottolinja l-importanza ta' finanzjament u riżorsi adegwati għall-SIK f'konformità maż-żieda kbira fil-livelli ta' attivitā tagħhom;
5. Jiddispjaċiħ li l-Qorti sabet li kien hemm dgħufijiet fil-ġestjoni tal-kuntratti u f'kontrolli *ex ante* marbuta mal-fatt li l-Aġenzija estendiet b'mod irregolari d-durata ta' kuntratt qafas għall-forniment ta' servizzi tal-ivvjaġġar kummerċjali billi ffirmat emenda wara li kien skada l-kuntratt; jinnota li l-emenda introduċiet aspetti ġodda tal-prezzijiet li mhumiex koperti mill-proċedura kompetittiva tal-akkwist pubbliku u li l-pagamenti irregolari relatati mal-kuntratt ammontaw għal EUR 22 188 fl-2018; jinnota s-sejbiet tal-Qorti rigward il-ġestjoni tal-kuntratt u l-kontrolli *ex ante* u jinnota r-risposta tal-Europol li kienet eż-żejt diliġenzo dovuta u osservat il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja meta estendiet il-kuntratt qafas sabiex tiffranka l-ispejjeż; jistieden lill-Aġenzija tiżgura l-konformità mar-Regolament Finanzjarju sabiex issaħħaħ il-kontrolli tal-ġestjoni

¹ <https://www.europol.europa.eu/sites/default/files/documents/europolinbrief2019.pdf>

finanzjarja interni tagħha kif xieraq sabiex tevita irregolaritajiet futuri;

6. Jilqa' l-konklużjoni tar-rapport dwar l-awditjar tas-Servizz tal-Auditjar Intern tal-Kummissjoni dwar "Il-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani u l-Etika fil-EUROPOL" li l-proċessi tal-Āġenzija għall-ġestjoni tar-Riżorsi Umani u tal-politiki kif ukoll il-proċeduri ta' kontra l-frodi u orjentati lejn l-etika huma mfassla b'mod adegwat, effettiv u li jikkonformaw mal-qafas regolatorju u legali eżistenti; jilqa' t-tħejjija ta' pjan ta' azzjoni mill-Āġenzija biex jindirizza l-oqsma għal titjib li ġew identifikati f'dak ir-rapport; jistieden lill-Āġenzija tirrapporta lura lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċibili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament dwar il-kwistjonijiet identifikati u l-miżuri ta' segwitu korrispondenti;
7. Jinnota li l-Qorti identifikat tendenza orizzontali fl-aġenziji fir-rigward tal-użu ta' persunal estern impjegat fi rwoli ta' konsulenza tal-IT; jitlob li din id-dipendenza fuq is-servizzi ta' konsulenza f'dan il-qasam importanti tiġi indirizzata; iħeġġeġ lill-Āġenzija tieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-Qorti u tieħu azzjoni dwar ir-rakkmandazzjoni tagħha li tippubblika l-avviżi ta' postijiet battala tagħha fuq is-sit web tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Europol tiżviluppa aktar kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-uffiċċji u l-korpi l-oħra tal-Unjoni, bil-għan li jiġu internalizzati r-rwoli tal-IT fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni;
8. Jitlob lill-Āġenzija tagħmel disponibbli, safejn ikun possibbli, riżorsi finanzjarji għat-traduzzjonijiet u jħeġġeġ lill-awtorità baġitarja tipprovd biżżejjed riżorsi finanzjarji li jippermettu t-traduzzjoni tar-rapporti uffiċċiali tal-Europol fil-lingwi uffiċċiali kollha tal-Unjoni minħabba l-importanza tal-ħidma tagħha għaċ-ċittadini Ewropej, l-obbligu li tiġi żgurata trasparenza sħiħa fir-rigward tal-attivitàjiet tagħha u l-fatt li l-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt, magħmul minn membri parlamentari nazzjonali u Ewropej mill-Istati Membri kollha, għandu jkun jista' jagħmel xogħlu sew; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Europol jistabbilixxu qafas ta' kooperazzjoni maċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea sabiex jitnaqqas il-piż finanzjarju rigward it-traduzzjoni.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	13.1.2020
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0: 43 5 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Konstantinos Arvanitis, Malik Azmani, Nicolas Bay, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Damien Carême, Caterina Chinnici, Tudor Ciuhodaru, Clare Daly, Cornelia Ernst, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Assita Kanko, Fabienne Keller, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Roberta Metsola, Javier Moreno Sánchez, Kostas Papadakis, Nicola Procaccini, Emil Radev, Paulo Rangel, Terry Reintke, Michal Šimečka, Birgit Sippel, Sylwia Spurek, Tineke Strik, Tom Vandendriessche, Bettina Vollath, Ann Widdecombe, Elena Yoncheva
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Damian Boeselager, Patrick Breyer, Delara Burkhardt, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Beata Kempa, Ondřej Kovařík, Kris Peeters, Robert Roos, Miguel Urbán Crespo, Loránt Vincze, Petar Vitanov, Maria Walsh, Tomáš Zdechovský
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Lukas Mandl

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

43	+
PPE	Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Roberta Metsola, Kris Peeters, Emil Radev, Paulo Rangel, Loránt Vincze, Maria Walsh, Tomáš Zdechovský
S&D	Delara Burkhardt, Caterina Chinnici, Tudor Ciuhodaru, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Birgit Sippel, Sylwia Spurek, Petar Vitanov, Bettina Vollath, Elena Yoncheva
RENEW	Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Ondřej Kovařík, Michal Šimečka
VERTS/ALE	Damian Boeselager, Patrick Breyer, Damien Carême, Alice Kuhnke, Terry Reintke, Tineke Strik
ECR	Lucia Ďuriš Nicholsonová, Patryk Jaki, Assita Kanko, Beata Kempa, Nicola Procaccini
GUE/NGL	Konstantinos Arvanitis, Clare Daly, Cornelia Ernst, Miguel Urbán Crespo

5	-
ID	Nicolas Bay, Tom Vandendriessche
ECR	Robert Roos
NI	Kostas Papadakis, Ann Widdecombe

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni